# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 T'OTTUBRU 2021**

**Kawża Numru: 6K**

**Rik. Kost. 244/2019 RGM**

**Ismail Issa (I.D. 334798M)**

**vs.**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tat-18 ta' Frar 2021**

**żdiedu l-kliem 'illum Avukat tal-Istat'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors ta' Ismail Issa** ppreżentat fis-17 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi r-Rikorrenti huwa cittadin Malti;

Illi fit-2 ta'April 1997, kien zzewweg lil Adelina Aquilina, meta kien cittadin Egizzjan;

Illi fis-sena 1999, Adelina Aquilina bdiet proceduri ta' annulament taz-zwieg fil-konfront tar-Rikorrenti. Fl-ebda hin f'dawn il-proceduri Adelina Aquilina allegat li z-zwieg sehh bhala simulazzjoni sabiex ir-Rikorrenti jghix f'Malta;

Illi minkejja dan, fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civilitad-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet Adelina Aquilina -v- Ismail Issa (Citazzjoni numru 321/1999/1), il-Qorti qalet is-segwenti:

"*Illi ghar-rigward l-attrici jirrizulta mill-affidavit taghha li ghalkemm hija kellha preokkupazzjoni mill-fatt li hija kellha relazzjoni mal-konvenut peress li kien ta' cittadinanza Egizzjana hija cediet ghall-pressjoni tieghu u anke ghall-promessi fierha tieghu biss u ghall-iskop li huwa jigi akkommodat b'dan il-mod.* **Din hi haga li sfortunatament ma persuni ta' nazzjonalita` Gharbija irrepetiet ruhha f'diversi cirkostanzi u l-Qorti tirreferi ghal numru sostanzjali ta' sentenzi li nghataw minnha proprju fuq dan il-punt fejn jidher li ormai din hija storja li tirrepeti ruhha b'diversi cirkostanzi. Illi f'dan il-kaz jidher li l-insistenza tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kienet persistenti tant li huwa sinifikanti u elokwenti l-kumment tal-konvenuta li meta ghazlet li taccetta l-proposta tal-konvenut ghaz-zwieg hija qalet "fl-ahhar cedejt"**. *"* (enfazi mir-Rikorrenti);

Illi bhala rizultat il-Qorti attribwiet l-annullament taz-zwieg lir-Rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(c) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255) billi l-konsens ta' Adelina Aquilina kienet inkisbet bi qerq, minhabba simulazzjoni. Il-Qorti kkonkludiet dan fuq is-semplici fatt li huwa ta'nisel Gharbija, li zzewweg lil cittadina Maltija sabiex jibqa jghix Malta. Jidher car mis-sentenza li l-Qorti kellha pregudizzju fil-konfront tar-Rikorrenti ghaliex kien Egizzjan u skond il-Qorti strahet fuq kazijiet ta' Gharab li zzewgu biex jghixu hawn Malta;

Illi b'dawn il-konkluzzjonijiet mhux ipprovati u gejjin minhabba li l-Qorti kellha diversi Gharab li simulaw iz-zwieg, u b'hekk holqot diskriminazzjoni fuq bazi ta' razza a tenut ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319);

Illi minhabba dan il-fatt, ir-Rikorrenti ircieva fit-28 ta' Frar 2019, ittra minn Identity Malta, li bdew proceduri skond l-Artikolu 14 ta' l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija sabiex titnehha c-cittadinanza Maltija tar-Rikorrenti. Identity Malta ddikjarat quddiem il-Kumitat ta' l-Inkjesta, li l-bazi ghat-talba tat-tnehhija hija unikament minhabba s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' tad-29ta' Mejju 2003;

Illi minhabba din id-diskriminazzjoni bbazata fuq razza li sehh fis-sentenza hawn fuq indikata, ir-Rikorrenti ghandu l-biza li wara 13-il sena mis-sentenza imsemmija se jitlef l-uniku cittadinanza li ghandu u b'hekk qed jerga jigi diskriminat a bazi tar-razza tieghu;

Ghaldaqstant, ir-Rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-Intimat permezz tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Mejju 2003 kiser id-dritt tieghu ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza a tenut ta'l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll taghti dawk ir-rimedji kollha hekk necessarji u opportuni

Rat ir-**risposta tal-Avukat Ġenerali illum l-Avukat tal-Istat** ippreżentata fit-23 ta' Jannar 2020 fejn jingħad kif ġej

Illi permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qed jallega illi s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Adelina Aquilina vs Ismail Issa** deċiża fid- 29 ta' Mejju 2003, tilledi d-dritt tiegħu għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni minħabba razza a tenur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress illi skond hu jidher ċar mis-sentenza li l-Qorti kellha preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent għaliex kien ta' nazzjonalita' Eġizzjana.

1. Illi in linea preliminari in vista tal-fatt illi s-sentenza illi minnha qed jilmenta r-rikorrent hija sentenza li ngħatat f'kawża li ġiet istitwita minn Adelina Aquilina (K.I. Numru 236672(M), l-esponent iħoss illi l-imsemmija Adelina Aquilina kellha tkun notifikata bil-proċeduri odjerni sabiex jekk tħoss illi għandha tintervjeni tkun f'pożizzjoni li tagħmel dan;

2. Illi l-esponent umilment jitlob illi jiġu allegati l-atti kollha tal-proċeduri ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Adelina Aquilina vs Ismail Issa** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 2003;

3. Illi din il-Qorti għandha teżerċita' d-diskrezzjoni tagħha sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjonali ta' Malta u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward l-esponenti jissollevaw illi r-rikorrenti kellu l-fakolta' kollha li jappella mis-sentenza illi minnha qiegħed jilmenta f'dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Superjuri. Ma ngħatat ebda raġuni mir-rikorrent il-għaliex ħalla iktar minn sittax –il sena jgħaddu qabel ma ressaq din il-vertenza u il-għala ma ntalabx ir-rimedju ordinarju msemmi. Jingħad hawnhekk illi l-proċeduri ta' natura kostituzzjonali mhumiex intiżi biex jissosstitwixxu proċeduri ordinarji li setgħu jiġu proposti;

4. Illi fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-esponent jeċepixxi illi dan l-artikolu ma'għandux eżistenza indipendenti u jista' jiġi nvokat biss vis-a-vis id-drittijiet fundamentali sustantivi 'l oħra li jinsabu fil-Konvenzjoni Ewropea. Għaldaqstant ġaladarba mhux qed jiġi nvokat ebda ksur ta' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni ċertament illi ma jistax jinstab ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

5. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi r-rikorrent ma ngħata ebda trattament diskriminatorju u ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

7. Illi dak li r-rikorrenti qiegħed jallega illi huwa diskriminazzjoni kienet biss osservazzjoni u bl-ebda mod ma tista' titqies illi tammonta għall-aġir jew trattament diskriminatorju;

8. Illi finalment *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ġew leżi xi drittijiet tar-rikorrenti' ħaġa li l-esponent qed jikkontesta, fiċ-ċirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi b'sentenza in parte tas-26 ta' Novembru 2020, din il-Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;[1]

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi b'digriet tat-12 ta' Frar 2020 ġie allegat ma' din il-kawża l-proċess Adelina Aquilina vs. Ismail Issa (Ċit Nru 321/1999);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2021[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat ippreżentata fl-24 ta' Ġunju 2021[3];

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni tar-Rikorrent.**

Fil-11 ta' Frar 1999 Adelina Aquilina intavolat proċeduri kontra Ismail Issa sabiex jiġi dikjarat null iż-żwieġ ta' bejniethom tat-2 ta' April 1997 u dan minħabba li skont is-Sinjura Aquilina iż-żwieġ kien wieħed għal konvenjenza. B'nota t'eċċezzjonijiet ippreżentata fit-23 ta' Settembru 1999, Ismail Issa qabel li jeżistu raġunijiet fil-liġi li jwasslu biex iż-żwieġ jiġi ddikjarat null iżda skontu għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi. B'sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-29 ta' Mejju 2003 ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' Ismail Issa u laqgħet it-talba ta' Adelina Aquilina u ġie ddikjarat u deċiż li ż-żwieġ bejn l-imsemmija partijiet "huwa null u bla effett

[1] Paġna 34 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 75 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 83 et seq tal-proċess.

u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet." [4]

B'ittra datata 28 ta' Frar 2019 ir-rikorrent Ismail Issa ġie informat li "*an Order is due to be made in terms of sub-article (1) of Article 14 of the Maltese Citizenship Act (Cap 188) to deprive you of your Maltese Citizenship which appears to have been obtained by fraud*."[5] B'ittra tal-5 ta' Marzu 2019, Ismail Issa ikkontesta din id-deċiżjoni[6].

B'rikors tas-17 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrent Ismail Issa intavola l-proċeduri odjerni fejn qiegħed jillamenta li d-dritt tiegħu kif sanċit taħt l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ġew leżi bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Mejju 2003 meta skont ir-rikorrent, il-Qorti li tat l-imsemmija sentenza kellha preġudizzju fil-konfront tiegħu peress li kien Eġizzjan u li l-Qorti straħet fuq każijiet ta' Għarab li żżewġu biex jgħixu hawn Malta.

L-Avukat tal-Istat jinnega li r-rikorrent ingħata trattament diskriminatorju u għalhekk jeċċepixxi illi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni**

Din il-Qorti ser tibda billi tiddelibera dwar l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni invokat mir-rikorrent liema artikolu jipprovdi s-segwenti:

[4] Paġna 56 tal-proċess allegat.
[5] Paġna 51 tal-proċess.
[6] Paġna 50 tal-proċess.

> "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor."

Dan l-artikolu jipprovdi protezzjoni kontra diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' drittijiet ġia enunċjati fil-Konvenzjoni, fi kliem ieħor l-Artikolu 14 huwa provvediment sussidjarju li jikkumplimenta d-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni u Protokolli. Konsegwentement l-Artikolu 14 ma jistax jiġi invokat waħdu iżda jiddependi fuq id-drittijiet l-oħra tal-Konvenzjoni.

Fil-każ **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. United Kingdom** (Appl. Nru 9214/80, 9473/81 u 9474/81) deċiża fit-28 ta' Mejju 1985, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) qieset li:

> "*Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous –, there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter*".

Ingħad ukoll fil-kawża **Petrovic vs Austria** (Appl. Nru 20458/92) deċiża mill-QEDB fis-27 ta' Marzu 1998 li

> "*Article 14 comes into play whenever "the subject-matter of the disadvantage ... constitutes one of the modalities of the exercise of a right guaranteed" (see the National Union of Belgian Police v. Belgium judgment of 27 October 1975, Series A no. 19, p. 20, § 45), or the measures complained of are "linked to the exercise of a right guaranteed" (see the Schmidt and Dahlström v. Sweden judgment of 6 February 1976, Series A no. 21, p. 17, § 39).*"

Fil-każ in eżami, ir-rikorrent naqas milli jorbot dan l-artikolu ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rikors promotur. Kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li għamel referenza għall-ewwel darba għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kien f'dan l-istadju finali tal-kawża fejn ġie allegat li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq. Ebda referenza għal dan l-artikolu ma saret fir-rikors promotur. Il-Qorti tqis għalhekk li ma tistax tiddeċiedi fuq artikolu li ma ġiex invokat fil-bidu tal-proċeduri. Qatt ma ġie lamentat mir-rikorrenti, lanqas fi stadju ta' provi, li huwa ma kellux smigħ xieraq mill-Qorti tal-Familja, huwa ilmenta biss li ingħata trattament diskriminatorju minħabba n-nazzjonalità tiegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Cassar noe vs. Victor Zammit** (App Ċiv 940/2001) deċiża fit-23 ta' Ġunju 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) irriteniet illi :

> "hu magħruf u anke aċċettat, in linea ta' prinċipju ġenerali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri (**Kollez. Vol. XLII pI p86**). Intqal ukoll li hi regola proċedurali, sostnuta mill-ġurisprudenza, illi l-kawżali tad-domanda ossija r-raġuni ġuridika tat-talba, oltre li għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet mfissra fl-att taċ-ċitazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV pI p85**)."

Konsegwentement, il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor oltre minn dak li jkun indikat fir-rikors promotur, anke għaliex, kif ritenut, "mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-Ċitazzjoni"[7]. Di più anke fi proċeduri kostituzzjonali tapplika l-massima bażilari tad-dritt proċedurali illi *selecta una via non datur recursus ad alteram.*

[7] Kollez. Vol. XLVIII pII p777, Kollez Vol. XXXIV pI p108 u bosta oħrajn.

Fin-nuqqas ta’ referenza fir-rikors promotur għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni din il-Qorti hija kostretta tiddikjara illi Artikolu 14 m’għandux eżistenza indipendenti, u għaldaqstant m’huwiex suffiċjenti li wieħed jallega d-diskriminazzjoni abbażi ta’ dan l-artikolu biss mingħajr ma jallaċċjah ma dispożizzjoni sostantiva oħra. Il-Qorti tgħaddi għalhekk sabiex tirrispinġi l-ilment tar-rikorrent abbażi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni**

Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jipprovdi s-segwenti:

> “[...]
>
> (2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta’ dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b’mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta’ xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta’ xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.
>
> (3) F’dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta’ oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta’ deskrizzjoni oħra bħal dawn.
>
> [...]
>
> (6) Is-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu ma għandux jgħodd għal xi ħaġa li tkun espressament jew b’implikazzjoni meħtieġa awtorizzata li ssir minn

xi disposizzjoni bħal dik ta’ liġi kif huwa msemmi fis-subartikolu (4) jew (5) ta’ dan l-artikolu.

[...]

(8) Ebda ħaġa fis-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu ma għandha tolqot xi diskrezzjoni dwar l-egħmil, tmexxija jew nuqqas ta’ tkomplija ta’ proċeduri ċivili jew kriminali f’xi qorti li jkollha xi persuna bi jew skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra.

[...]”

L-azzjoni odjerna tirrivolvi mal-konsiderazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Familja fis-sentenza tagħha tad-29 ta’ Mejju 2003 meta tenniet li:

“ghar-rigward l-attrici jirrizulta mill-affidavit taghha li ghalkemm hija kellha preokkupazzjoni mill-fatt li hija kellha relazzjoni mal-konvenut peress li kien ta’ cittadinanza Egizzjana hija cediet ghall-pressjoni tieghu u anke ghall-promessi fierha tieghu biss u ghall-iskop li huwa jigi akkommodat b’dan il-mod. Din hi haga li sfortunatament ma persuni ta’ nazzjonalita` Gharbija irrepetiet ruhha f’diversi cirkostanzi u l-Qorti tirreferi ghal numru sostanzjali ta’ sentenzi li nghataw minnha proprju fuq dan il-punt fejn jidher li ormai din hija storja li tirrepeti ruhha b’diversi ċirkostanzi.”

Ir-rikorrent jallega li b’dan il-kumment il-Qorti tal-Familja kellha preġudizzju fil-konfront tiegħu għax kien Eġizzjan.

Ikkunsidrat;

Intqal mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Maria Cini vs. Lucia sive Lucy Saliba et** (App Ċiv 29/2007) deċiża fit-30 ta’ Ġunju 2010

> "Qorti naturalment ghandha dejjem tillimita ruhha ghall-vertenza li jkollha quddiemha u trazzan lilha nnifisha milli tippronunzja ruhha fuq materji li ma humiex neccessarji ghad-determinazzjoni tal-istess vertenza. Minkejja dan, pero`, gie li jkun neccessarju li jinghadu xi affarijiet *obiter*, bhalma inghad f'dan il-kaz [...]. Tali pronunzjamenti ghandhom isiru b'cirkospezzjoni kbira, mhux biss biex ma jippregudikawx proceduri ohra li talvolta jista' jkun hemm, izda anke biex il-partijiet ma' jghaddilhomx mill-antiporta ta' mohhom li b'xi mod il-Qorti tkun qed ticcensurahom dwar affarijiet li ma humiex essenzjali ghall-vertenza ta' bejniethom."

Fil-każ odjern, osservazzjoni bħal dik magħmula mill-Qorti tal-Familja m'għandhiex tinftiehem li l-imsemmija Qorti uriet li hija qiegħda tiddiskrimina kontra l-Għarab jew kontra r-rikorrent. Il-Qorti tal-Familja kienet qiegħda tagħmel referenza għal sentenzi oħra li tat hi stess f'dak il-perjodu. B'dik il-konsiderazzjoni l-Qorti tal-Familja kienet qiegħda tgħid li l-każ li kellha quddiemha ma kienx xi każ iżolat iżda li kien hemm kawżi oħra fejn żwiġijiet bejn Maltin ma' persuni ta' nazzjonalità Għarbija kienu motivati biss sabiex dawn ta' l-aħħar jottjenu ċ-ċittadinanza Maltija.

Kuntrarjament għal dak li jiddikjara r-rikorrenti, il-Qorti tal-Familja fis-sentenza tagħha qatt ma sabet li kien hemm xi qerq. Iż-żwieġ ma ġiex dikjarat null a bażi ta' l-Artikolu 19 (1) (ċ) tal-Kapitolu 255. Ir-rikorrent huwa għalhekk skorrett meta fir-rikors promotur jgħid li "l-Qorti attribwiet l-annullament taz-zwieg lir-rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (c) ta' l-Att dwar iz-Zwieg billi l-konsens ta' Adelina Aquilina kienet inkisbet bi qerq, minhabba simulazzjoni."

Waħda mir-raġunijiet għalfejn il-Qorti tal-Familja laqgħet it-talba ta' Adelina Aquilina kien propju għaliex:

> ***"mill-provi prodotti jirrizulta li dak li wassal lill-kontendenti biex jiehdu dan il-pass ta' zwieg kien biss sabiex il-konvenut ikun jista' jakkwista d-dritt li jghix u jahdem hawn Malta, u nonostante dak li jghid il-konvenut dwar l-istess ic-cirkostanzi juru mod iehor."***

Fi kliem ieħor il-Qorti tal-Familja kienet qiegħda tiddikjara u tiddeċiedi li dak kien żwieġ ta' konvenjenza u għalhekk iż-żwieġ kellu jiġi annullat a bażi tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255. Però l-Qorti tal-Familja bl-ebda mod ma irriteniet li ġaladarba r-rikorrent huwa Għarbi allura ż-żwieġ sar awtomatikament għal raġunijiet ta' konvenjenza bħal ma donnu jallega r-rikorrent. Ma jistax jingħad li ż-żwieġ ġie annullat sempliċiment għax huwa Għarbi iżda ġie annullat għaliex il-Qorti tal-Familja iddeċidiet li kien hemm biżżejjed provi li juru li ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza unikament sabiex Ismail Issa jottjeni ċ-ċittadinanza Maltija kif fil-fatt irnexxilu jagħmel unikament b'riżultat ta' dak iż-żwieġ.

Ikkunsidrat;

In prinċipju, diskriminazzjoni taħt il-Kostituzzjoni għandha tinftiehem bħala trattament differenti lill-persuni li huma f'sitwazzjoni simili mingħajr ġustifikazzjoni valida u oġġettiva.[8] 'Sitwazzjoni simili' ma jfissirx li s-sitwazzjoni hija identika imma għandha tkun relattivament simili.[9] *A contrario sensu* għalhekk ma jkunx hemm diskriminazzjoni jekk is-sitwazzjoni ma tkunx waħda simili.

Issir refernza għas-sentenza fl-ismijiet **Ivan Vella vs Avukat Ġenerali** (Rik Kost 39/2004) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta'

---

[8] **D. H. and Others v. the Czech Republic** (Appl. Nru 57325/00) deċiża fit-13 ta' Novembru 2007, para 175: *"The Court has established in its case-law that discrimination means treating differently, without an objective and reasonable justification, persons in relevantly similar situations".* Ara wkoll: **Okpisz v. Germany** (Appl. Nru 59140/00) deċiża fil-25 ta' Ottubru 2005, para 33; **Sejdic and Finci v. Bosnia and Herzegovina** (Appl. Nru 27996/06) deċiża fit-22 ta' Diċembru 2009, para 42.

[9] Ara **Clift v. the United Kingdom** (Appl. Nru 7205/07) deċiża fit-13 ta' Lulju 2010, para 66: *"The Court has established in its case-law that in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007; Burden, cited above, § 60; and Carson, cited above, § 61). The Court notes that the requirement to demonstrate an "analogous position" does not require that the comparator groups be identical. The fact that the applicant's situation is not fully analogous to that of shorter-term or life prisoners and that there are differences between the various groups does not preclude the application of Article 14 (see, mutatis mutandis, Petrov v. Bulgaria, no. 15197/02, § 53, 22 May 2008). The applicant must demonstrate that, having regard to the particular nature of his complaint, he was in a relevantly similar situation to others treated differently."*

Mejju tal-2011 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011:

> "llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixxiebah magħha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat. [Ara P.A. (Kost.) TM 26.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.4.2005**)]"

Sabiex tirnexxi azzjoni ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni r-rikorrent jeħtieġ għalhekk li jipprova l-erba' elementi indikati fis-sentenza ċitata. M'huwiex meħtieġ li jiġi stabbilit li d-diskriminazzjoni kienet intenzjonata sabiex jinstab il-ksur tal-Artikolu 45, iżda minn qed jallega diskriminazzjoni jeħtieġ juri li ġie trattat b'mod diskriminatorju fit-termini tal-Kostituzzjoni.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Louis Galea noe et vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża fit-22 ta' Jannar 1990 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ġie ritenut illi "*kull diskriminazzjoni timporta żewġ elementi u cjoe' li l-lanjant ma ġiex trattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor fl-istess cirkustanzi (in pari conditione) ġie; jew li hu ġie trattat b'ċertu mod waqt li ħaddieħor fl-isess ċirkustanzi ma ġiex. Fi kliem ieħor irid isir paragun bejn l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġġjat fuq terren ta' ċirkustanzi parti*" [recte: pari]. L-azzjoni odjerna taqa' taħt it-tieni ċirkostanza u ċioe r-rikorrent qiegħed jallega li hu ġie trattat b'ċertu mod mill-Qorti tal-Familja waqt li ħaddieħor fl-istess ċirkostanza ma ġiex.

Mill-qari akkurat tal-proċess tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Famiolja, din il-Qorti ma sabet xejn li juri li r-rikorrent kien żvantaġġjat mill-qorti jew li ġie

trattat differenti minn persuni oħra li kienu fl-istess sitwazzjoni tiegħu.[10] Ir-rikorrent qiegħed biss jistrieħ fuq il-paragrafu fuq kwotat u bena allegazzjoni li huwa ġie iddiskriminat. I

Kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, il-Qorti ma sabiet xejn fil-proċess li jindika b'xi mod li l-Qorti tal-Familja kellha xi preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent għaliex kien Eġizzjan. Iż-żwieġ ma ġiex dikjarat null għax hu kien Eġizzjan iżda għaliex:

> (a) mill-provi prodotti f'dik il-kawża irriżulta li ż-żwieġ kien wieħed ta' konvenjenza; (b) "il-partijiet ma kellhomx il-minimu ta' ntenzjoni jew diskrezzjoni sabiex fl-istat li kienu u f'dak iz-zminijiet jifhmu ghal liema hajja u piz huma dehlin"; u (ċ) "il-partijiet eskludew mill-kunsens taghhom elementi essenzjali ta' zwieg jekk mhux kollha, u dan peress li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet nieqsa minn kull rabta ta' mhabba, emmozzjoni, unjoni u proponiment li huma jghixu hajjithom flimkien u ghal xulxin."

Din il-Qorti tqis ukoll li l-Qorti tal-Familja m'attribwitx il-ħtija għan-nullità taż-żwieġ lir-rikorrent biss iżda attribwitha liż-żewġ partijiet, indipendentement min-nazzjonalita' tar-rikorrent.

Dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Intimat Avukat tal-Istat li Adelina Aquilina kellha tiġi notifikata b'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi wara li l-Qorti tat is-sentenza in parte tagħha fis-26 ta' Novembru 2020 fejn ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat; ma kienx hemm insistenza fuq din l-eċċezzjoni u għalhekk il-Qorti qed tqis il-mertu tagħha eżawrit.

[10] Ara **Aziz Dabous vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Kost 70/2010) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Frar 2014.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat immarkati min-numru erbgħa (4) san-numru sebgħa (7) u konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

L-ispejjeż relatati mas-sentenza tas-26 ta' Novembru 2020 a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat; filwaqt li l-ispejjeż tas-sentenza odjerna a karigu tar-rikorrent Ismail Issa.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**